

Brussell, 23 ta' Settembru 2022
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2020/0361(COD)

12624/22
ADD 2

CODEC 1334
COMPET 723
MI 676
JAI 1204
TELECOM 374
CT 167
PI 119
AUDIO 90
CONSOM 228
JUSTCIV 115

NOTA PUNT "I/A"

| | |
|----------|--|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill |
| Suġġett: | Abbozz ta' REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar Suq Uniku għas-Servizzi Diġitali u li jemenda d-Direttiva 2000/31/KE (l-Att dwar is-Servizzi Diġitali) (l-ewwel qari) - Adozzjoni tal-att leġiżlattiv - Dikjarazzjoni |

Dikjarazzjoni mid-Danimarka

Id-Danimarka tappoġġa t-test finali bil-ħsieb li jiġi finalizzat l-Att dwar is-Servizzi Diġitali sabiex jiġu aġġornati r-regoli orizzontali li jiddefinixxu r-responsabbiltajiet u l-obbligi tal-fornituri tas-servizzi diġitali. Aħna nemmnu li l-Att dwar is-Servizzi Diġitali finali huwa essenzjali sabiex l-ambjent online jsir aktar sikur, prevedibbli u affidabbli, u barra minn hekk nilqgħu l-emendi ewlenin li saru matul it-trilogu, bħall-protezzjoni tal-minuri kif ukoll il-prevenzjoni ta' dark patterns.

Madankollu, nesprimu d-dispjaċir qawwi tagħna li r-Regolament ma jistabbilixxix aktar responsabbiltajiet għall-fornituri ta' postijiet tas-suq online fir-rigward tas-sikurezza tal-prodotti. Fil-fehma tagħna, ir-responsabbiltajiet stabbiliti fir-Regolament ma jirriflettux ir-rwol ewlieni li għandhom il-postijiet tas-suq online fid-distribuzzjoni tal-prodotti. Pereżempju, hija problema li ħadd fl-Unjoni Ewropea ma jista' jinżamm responsabbli f'każijiet fejn il-postijiet tas-suq online jagħmluha possibbli li l-kummerċjanti jbigħu l-prodotti u s-servizzi tagħhom minn pajjiżi terzi direttament lill-konsumaturi Ewropej. Rajna diversi każijiet fejn il-konsumaturi Ewropej spiċċaw bi prodotti perikolużi u illegali. Minkejja li l-postijiet tas-suq online għandhom obbligi biex jivvalutaw l-informazzjoni pprovduta mill-kummerċjanti u biex iwettqu verifiki għal għarrieda fir-rigward ta' prodotti illegali, b'mod ġenerali t-test finali jżomm approċċ reattiv li jagħmel ħsara mhux biss lill-protezzjoni tal-konsumaturi, iżda wkoll lill-kompetittività tan-negozji Ewropej. F'dan ir-rigward, konna qed nittamaw għal Regolament aktar ambizzjuż, pereżempju billi jiġi żgurat li dejjem ikun hemm parti fl-UE li tkun responsabbli għall-prodotti li jidħlu fis-suq Ewropew.

Peress li għadna nħossu l-bżonn ta' approċċ aktar ambizzjuż dwar din il-kwistjoni sabiex tiġi żgurata protezzjoni adegwata tal-konsumaturi, ser inkomplu naħdmu fuq din l-aġenda importanti fi ħdan leġiżlazzjoni rilevanti oħra, fosthom in-negozjati tat-trilogu tar-Regolament dwar is-sikurezza ġenerali tal-prodotti.